

L-Erbgħa 5 ta' Frar 2014

P7\_TA(2014)0078

**Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera rigward koperazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet tagħhom tal-kompetizzjoni \*\*\*****Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2014 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera rigward kooperazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet tagħhom tal-kompetizzjoni 12418/2012 – C7-0146/2013 – 2012/0127(NLE))**

(Approvazzjoni)

(2017/C 093/48)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (12418/2012),
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera rigward kooperazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet tagħhom tal-kompetizzjoni (12513/2012),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 103 u 352, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0146/2013),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0060/2014),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Ifakkar lill-Kunsill li, jekk għandu jemenda l-abbozz ta' deċiżjoni tiegħu, ikun meħtieġ li l-approvazzjoni tal-Parlament tintalab mill-ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u l-Konfederazzjoni Svizzera.